Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,648, 22 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 269 tal-2021

ATT LI JIKKORDINA L-ISPEZZJONIJIET TAL-GVERN (KAP. 568)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9(2) tal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda".

Kap. 568.

Jissostitwixxi l-Iskeda.

2. L-Iskeda għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA
[Artiklu 9]

Aġenzija tal-Bini u tal-Kostruzzjoni

Awtorità dwar il-Mediċini

Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi

Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi

Awtorità tal-Artijiet

Awtorità tal-Ippjanar

Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali

Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta

Entità responsabbli għar-regolamentazzjoni ta' Ċentri ta' Childcare

Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa

Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg

Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura

Direttorat dwar ir-Regolamentazzjoni Veterinarja

Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti

Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u l-Promozzjoni ta' Servizzi

INDIS Malta Ltd

Jobsplus

Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma".